MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2004

Numru 208/2000

PULIZIJA
SPETTUR SIMON GALEA
SPETTUR CARMELO MAGRI
VS
PETER AZZOPARDI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Peter Azzopardi ta’ 40 sena bin Carmelo u Giuseppa nee Buttigieg imwieled Pieta fil-15 ta’ Ottubru 1959 u li joqghod Jan Bert, Sqaq Charlotte Gharghur detentur tal-karta tal-identita bin-numru 700759M talli fil-Gharghur fit-23 ta’ Marzu 2000 ghal habta tal-11.00 ta’ filghaxija dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Claudio Calleja mill-Gharghur f’periklu car, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta’ bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt billi permezz ta’ strument li jaqta u bil-ponta ta’ daqqa fil-parti vitali ta’ l-imsemmi Claudio Calleja u cioe fil-parti ta’ sidru, u kkagunalu ferita ta’ natura gravi skond kif icertifika Dr Joseph Debono tal-Isptar San Luqa, liema

delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi fil-hin li ken qieghed jaghmel delitt kontra l-persuna, kellu fil-pussess tieghu arma regolari, jew imitazzjoni f'arma regolari.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kif wkoll fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer zamm jew garr, jew kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghal Stephen Sammut mill-Gharghur, u kkagunalu ferita ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr Tyron Pillow ta' l-isptar San Luqa.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirksotanzi bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor.

Talli sar ricediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema artikoli din il-Qorti tista ssib hija fl-imputat.

Rat il-verbal tad-19 ta' Jannar 2001 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semghet it-trattazzjoni ulterjuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni jirrizulta illi PS492 informa lil Spettur Galea illi kien sehh incident il-Gharghur u li kien hemm persuna f’periklu tal-mewt.

Spettur Galea mar l-ghassa fejn sab li PS492 kien arrest lill-imputat u dan tal-ahhar kien ghaddielu mus, wara li gie mistoqsi ghal arma li intuzat fl-incident.

Meta  Spettur Galea tela fuq ix-xena tad-delitt, sab kwantita ta’ demm fuq l-ghatba ta’ residenza – 22 Sqaq Charlotte – Gharghur kif wkoll fuq xi purtieri.

Spettur Galea kellem lil omm l-midrub Claudio Calleja – u cioe lil Jane. Din gharrfet lill-pulizija li dak il-lejl certu Stephen Sammut kien wassal lit-tifel taghha Claudio u wiehed mill-girien Peter Azzopardi beda jghajjat ma Stephen ghax kien qed jaghmel storbju bil-mutur.

Spettur Galea xehed li Jane Calleja qaltlu li wara li t-tifel dahal d-dar semghet tisbit u thezziz fuq il-bieb ta’ barra. Hija bezghet u cemplet lill-pulizija.

Illi meta infetah il-bieb Jane Calleja tghid li sabet lill-imputat ma wiccha li beda jxejjer daqqiet b’idejh u jghid lil Claudio Calleja:-
“Irrid noqtlok, hajtek irrid innehhihielek”. (ara fol 9).

Spettur Galea qal illi Jane Calleja infurmatu li rat lit-tifel taghha jzomm zaqqu u semghatu jghid “qlajt daqqa ta’ sikkina”. Illi meta ghollietlu l-flokk id-demm beda jtir. Claudio Calleja ttiehed l-isptar minn missieru stess.

Spettur Galea xehed illi Bridgette Azzopardi, mart l-imputat, infurmat lill-pulizija illi kienet semghet l-istorbju bil-lejl u semghet lehen r-ragel taghha (l-imputat). Illi meta gie lura zewgha kien qalilha li xi hadd wassal lil Claudio bil-mutur, li l-imputat mar jkellmu minhabba l-istorbju li l-mutur jaghmel f’dawk il-hinijiet bikrin ta’ filghodu u li Claudio bezaqlu.

Il-pulizija kellmu wkoll lil Stephen Sammut sewwieq tal-mutur li infurmah ili huwa kien wassal lil Claudio Calleja

lejn d-dar. Meta waslu, xi hadd gie fuqu, beda jinbuttah u tah daqqa f'imniehru u fargu. Illi Sammut telaq ghad-dar u kif wasal irceva telefonata minn omm Claudio fis-sens li Claudio kien qala daqqa ta' sikkina u kien qieghed l-isptar. Sammut mar fic-Centru tas-Sahha Mosta – imbaghad l-isptar min fejn gie rilaxxat certifikat mediku.

Illi l-pulizija kellmet lil Joseph Calleja, missier Claudio, li infurmahom li kien sema xi hsejjes u skossi fuq il-bieb ta' barra u mar jifthu u sab lil Peter Azzopardi li indirizza lil Claudio bil-kliem " issa ghamel l-istorbju."

Joseph Calleja informa lill-pulizija li l-imputat kellu sikkina f'idejh b'xafra ta' sitt pulzieri u manku iswed u beda jxejjer idejh lejn Claudio. Calleja qal lil pulizija li ra lil Claudio jzomm qaddu u hadu l-isptar.

Illi fl-24 ta' Marzu 2000 l-pulizija marru l-isptar jkellmu lil Claudio u tahom l-istess versjoni li ta siehbu Stephen Sammut u cioe kif gie id-dar b'mutur fil-11pm, sema tahbit fuq il-bieb, li missieru fetah il-bieb u sab lill-imputat; kif l-imputat beda jkellmu hazin u tah b'xi xafra ppuntata li kellu f'idu u laqtu f'zaqqu.(ara fol 22)

A fol 44 Claudio Calleja isostni illi dak il-lejl tal-incident kien dahal d-dar bla incidenti, izda ommu semghet l-ghajjat barra u cemplet lill-pulizija.

Calleja jsostni "**Jiena kont gewwa x'hin kellu l-incident Stephen" u sar jaf bid-dettalji dwar dan l-incident meta kien l-isptar**. Calleja ikkorrobora ix-xhieda ta' Stephen Sammut ****** ghal dak li jirrigwarda l-incident bejn Sammut u l-imputat.

Claudio informa lill-pulizija bid-diversi incidenti ohra fejn l-imputat kien aggredieh b'daqqa ta' ponn ghaliex huwa (Claudio) kellu xi jghid mat-tifel tal-imputat.

Claudio Calleja ta diversi rakkonti (ara fol 45 u 46) tal-agir tal-imputat mieghu u ma' membri tal-familja tieghu.

Jane Calleja a fol 49 et seq xhedet illi binha kellu habib certu Stephen Sammut li kien jwasslu lura id-dar bil-mutur tieghu. Illi fid-data tal-incident hekk kien gara u binha wasal id-dar ghal habta tal-11pm. Iritraw u kif telghet fuq, Jane Calleja semghet l-istorbju, ghajjat u dagha, nizlet, cemplet lill-pulizija u infurmathom illi l-gara taghha, Peter Azzopardi, kien hareg jghajjat mal-habib tat-tifel taghha (ara fol 50).

Giet infurmata mill-pulizija li ma setghux jitilghu immedjatament ghaliex kien hemm pulizija wiehed biss l-ghassa.

Illi min hemm Jane Calleja resqet lejn il-bieb ta' barra u bexqietu waqt li binha u zewgha kienu warajha u binha gie fil-vojt tal-bieb. Illi fil-pront "mill-bieb rajt id ixxejjer u (Peter Azzopardi) heddu li jrid inehhielu hajtu u joqtlu".

Illi dak il-hin Jane Calleja qalet li kienet semghet hoss irqiq. Zewgha kien pront hataf lil ibnu l-gewwa u ghalaq il-bieb u Claudio dahal gol-kcina u beda jghid:-
"Ma, Ma, - daqqa ta' sikkina".

Illi Jane kienet pronta gholliet il-flokk ta' binha Claudio u rat id-demm itir.

Zewgha wassal lil ibnu l-isptar waqt li hija regghet cemplet ghal pulizija. Jane Calleja kompliet tirrakonta illi dan ma kienx incident uniku izda li l-imputat Peter Azzopardi kien gia aggredixxa lil binha f'okkazzjonijiet precedenti meta tela ghalih il-pjazza fejn flimkien ma martu hebbu ghal binha li gie lura bi black eye.

Illi xi jumejn wara dan l-incident, Jane Calleja tghid li kienet sabet lit-tifel ta' Peter fuq l-ghatba tar-residenza tieghu u widbitu biex ma joqghodx jitghajjar ma' binha.

Illi kien hemm li regghu hargu Peter Azzopardi u martu ghaliha u fost hafna kliem baxx, kienu heddewha.

Perit Richard Aquilina a fol 58 et seq u Dr Mario Scerri a fol 88 et seq esebew u halfu ir-relazzjoni taghhom. Dr

Scerri ccertifika il-griehi ta’ Claudio Calleja bhala gravi perdurata u xhed illi b’fortuna kbira minhabba l-angolu tad-daqqa, il-ferita ma ppenetratx il-thorasic cavity dana pero gie milqut nerve importanti illi kien ser jgib djufija fil-muskolu kbir tad-dahar. (fol 89).

Spettur Angelo Caruana xehed illi kkonferma illi kien gie imsejjah fuq stabbing fil-Gharghur f’data indikata fic-citazzjoni (fol 119 et seq) u sab lill-imputat arrestat. Xhed illi hu sab roghqa demm fuq l-ghatba tal-bieb tal-familja Calleja liema demm kien jibqa sejjer sal-kcina tal-istess residenza tal-familja Calleja.

Kkonferma l-informazzjoni li tawh il-familja Calleja ta’ kif semghet t-tahbit fuq il-bieb ta’ barra, fethu, sabu lill-imputat ma wicchom u f’hin minnhom Claudio qal “ajma ma” u raw id-demm niezel u dahlu gewwa.

L-ispettur Caruana xhed illi l-imputat innega li ta lil Calleja b’sikkina u saret tfittxija ghal din l-arma izda ma instabu ebda skieken b’tracci ta’ demm fuqhom.

Illi kien kellem wkoll lil Stephen Sammut u kkonferma li gie aggrediet mill-imputat.

Min hemm Spettur Caruana baqa sejjer l-isptar u sab lil Claudio Calleja kien gia gie operat u qal a fol 122-
“Illi kien ghadu kif jasal ma Stephen, dahal gewwa, wara ftit sema il-bieb ta’ barra qiesu jigi sgassat, fetah ra lill-imputat, dan ra idu gejja hekk, u hass weggha.” (fol 122)

Joseph Debono, Kirurgu, a fol 125 et seq, xhed fit-tul dwar il-feriti ta’ Claudio Calleja, dwar id-dmija emanenti mill-feriti, li ma kien hemm ebda penetrazzjoni fil-kavita toraika izda kien hemm dannu fil-muskolu tad-dahar u kien involut fil-ferita in-nerve li jaghti ghal muskoli tad-dahar li jista jkun permanenti.

Il-ferita kienet fonda 13cms.

Kklassifka il-griehi bhala gravi perdurata (fol 127).

PC46 Charlo Casha esebixxa u halef ir-rapport tieghu a fol 129 sa 141.

Spettur Galea a fol 142 halef ir-rapport tal-inkjesta.

Claudio Calleja a fol 144 u Jane Calleja a fol 146 kkonfermaw ix-xhieda li taw fl-inkjesta waqt li Joe Calleja ikkonferma l-istess a fol 149.

Joe Calleja kkorrobora ix-xhieda ta' ibnu Claudio u martu Jane fejn ikkonferma li kien dahal it-tifel fid-data tal-incident u waqt li mar fil-kcina biex jiekol xi haga tal-ikel, sema hafna tahbit fuq il-bieb.

Martu nizlet minn fuq u cemplet lill-pulizija minhabba l-ghajjat li kien hemm barra. Joe Calleja xhed illi hu u ibnu fethu il-bieb u sabu lill-imputat li kellu sikkina kbira f'idu.

Joe Calleja xhed illi huwa ghandu ghatba fonda tal-bieb u li l-bieb jiftah fuq gewwa. Xehed illi sema lit-tifel jghajjat ajma ajma u induna li ibnu kien intlaqat. Sostna illi hadd mill-membri tal-familja tieghu ma kellu xi skieken jew xi arma f'idhom.

Bridgette Azzopardi a fol 154 ghazlet li ma tixhidtx kontra zewgha, l-imputat.

A fol 172 Spettur David Gatt ressaq il-prova ta' ricediva billi esebixxa sentenza dok DG1 u kkonferma l-identita tal-imputat.

PS492 George Vella xhed kif acceda ghal fond ta' Peter Azzopardi wara li gie infurmat bl-incident min WPC180 Sandra Borg u li Peter Azzopardi innega li kien hu li ta bis-sikkina izda nizel u gab mus li tah lil PC492 (ara xhieda a fol 208) u esebixxa l-okkorenza tieghu dok GV a fol 211.

WPC180 Sandra Borg a fol 216 et seq xhedet illi irceviet telefonata minghand Jane Calleja titlobha kienx permessibbli li t-tifel taghha jigi imwassal min habib tieghu bil-mutur.

Illi WPC180 irrispondietha u Jane Calleja infurmata illi l-gara taghha kien qed jilletika mat-tifel fuq din il-kwistjoni.

Wara ftit minuti regghet cemplet “tghajjat kemm tiflah” u qaltilha “ejja malajr ghax hawn id-demm, iggieldu” (fol 216/217). Meta accediet fir-residenza ta’ Calleja WPC Borg sabet demm fuq l-ghatba u demm mal-mejda u cupboards tal-kcina.

WPC Borg xhedet illi waqt illi kienet ghadha fit-triq, tfittex ir-residenza ta’ Calleja, rat ragel li gharfitu bhala l-imputat u talbitu jghidilha no 23 tat-triq fejn kien. Illi ftit wara giet mgharrfa min Jane Calleja illi r-ragel illi kellmet bara kien il-persuna li "tah id-daqqa ta’ sikkina.”

WPC77 Joanne Mamo xhedet illi Peter Azzopardi ma ghandu ebda licenzja biex jgorr strument li jaqta jew bil-ponta.

Dr Reuben Depasquale permezz ta’ affidavit a fol 220 kkonferma illi l-griehi ta’ Stephen Sammut kienu ta’ natura hafifa.

Dr Alex Attard a fol 224 et seq xehed dwar il-griehi. Sostna illi ma kienx hemm penetrazzjoni fil-cavita tal-gisem izda li Claudio Calleja kien tilef demm mill-arterja u kien hemm dannu lin-nervituri li jiffornixxu il-muskoli tas-sider.

Illi a fol 226 Dr Cassar jghid ”Pero min-naha l-ohra billi sar injury to the nerve ovvjament tbiddel il-clasification fis-sens li jsita jkun hemm effetti permanenti”.

Mistoqsi dwar il-permanenza o meno, Dr Cassar a fol 227 jghid illi wiehed jrid jistenna almenu sena, u “difficli tghid”.

Pero jekk in-nerve gie maqtguh kompletament li hemm, min nerve jista jkollok a reasonable defect imma biex tkun taf kemm, trid tistenna at least one year.

Stephen Sammut a fol 244 xhed illi kien wassal lil Claudio Calleja id-dar xi 11.30 – 12.00hrs. Xehed li pacpcu ftit u kif

kien hiereg barra, waqqfu l-imputat beda jghajjat mieghu li qed jqajmu bil-hsejjes tal-mutur u waqt li kienu jargumentaw l-imputat capcaplu daqqa ta’ ponn f’wiccu u “faqaghli imniehri”. (fol 245)

Sammut talbu jghidlu “ghalfejn ghamel hekk” u l-imputat irrispondieh:-“ li kieku ma waqaftx kont intik tir ta’ senter minn fuq il-bejt”, kompla jheddu aktar imbaghad qallu “itlaq”.

Illi sussegwentement kienet cemplitlu Jane Calleja u taghtu l-ahbar ta’ binha, u halhekk Stephen Sammut rega mar ir-residenza tal-familja Calleja. Sammut kkonferma il-kwantita ta’ dmija li sab mal-art u fil-kcina . Xehed wkoll illi kien mar jara lil Claudio l-isptar.

Min-naha tieghu l-imputat (fol 261) xehed li kien tiela mil-garage u sab lil Claudio Calleja u tal-mutur u kien qed jkellimhom bil-kelma it-tajba u Calleja bezaqlu tlett darbiet u harab jigri. Min hemm jkompli jghid:-
“Jiena tajt daqqa ta’ harta lil tal-mutur” u segwa lil Calleja. “Hargu missieru u ommu u hu, u ma riedux jirrangaw mieghi” (fol 262).

Min hemm Joe Calleja beda jghajjat lil ibnu biex jidhol il-gewwa u l-imputat haseb li kienu ser jgibu xi arma u ghalhekk telaq lejn id-dar.

Imbaghad gie Surgent George u “talabni il-mus u tajtu l-mus”. Mistoqsi x’kien qed jaghmel bih il-mus l-imputat jghid illi huwa jzommu fuqu ghaliex huwa jrabbi il-bhejjem. Cahad li uza il-mus ghal glieda. Wara dan mar l-ghassa”.

Matul l-interrrogazzjoni l-imputat sostna li hubaqa jghid lill-pulizija li ma kellux skieken fuqu u li ma ggilidtx b’xi skieken. Kkonferma illi saru diversi tfittxijiet fid-dar tieghu u fil-garage mill-istess pulizija.

Inqratlu l-istqarrija li rrilaxxa lill-pulizija u l-imputat ghalkemm jammetti li ra il-mutur ta’ Sammut diversi drabi, sostna fl-istqarrija tieghu li ma kienx rah qabel u ma setghax jispjega ghaliex qal hekk lill-pulizija.

A fol 270 l-imputat sostna illi dan Claudio imqabbad mieghu u dejjem jtih fastidju . Mistoqsi x'tip kien Claudio l-imputat jghid:-
"Tip ta' nies nghidilhom jien zibel skuzi, keshin u friza, hadd ma jahmilhom ir-rahal" (fol 271)

L-imputat innega li hedded lil Claudio li ser joqtlu.

L-imputat stqarr illi meta qal lil pulizija huwa nar tat-tiben, b'dana ried jfisser illi huwa tip li jghaddielu malajr. Mistoqsi x'ried jfisser illi jekk jaghmel xi haga jaqbad u jaghmilha quddiem in-nies, l-imputat jirrispondi illi ried jfisser illi huwa ma jaghmilx affarijiet bil-mohbi jew b'vendikazzjoni.

L-imputat xehed illi huwa gie interrogat xi hames darbiet matul l-arrest tieghu. Xehed illi fiz-zmien, huwa kellu hanut tal-laham, cioe tal-laham taz-zwiemel, u kien ghalhekk li kellu is-skieken fil-garage. Apparti dan, huwa anki kien jiekol fil-garage u allura kellu skieken tal-ikel wkoll fl-istess garage.

Mistoqsi, l-imputat jghid illi ma kien ra xejn f'idejn Claudio u missieru meta dawn fethu il-bieb.

L-imputat jinnega kemm fl-istqarrija kif wkoll fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti illi ta' lil Claudio Calleja b'xi sikkina, jew mus. Anzi jghid a fol 281:-
"Kieku hrigt il-mus kont naghti lil tal-mutur wkoll Sur Magistrat".

Kompla jghid illi l-mus li ta lill-pulizija kien mcappas bl-ikel ghax kienu ghadhom kemm kielu.

In kontro ezami l-imputat ammetta li kien gie offrut ikel matul iz-zmien tal-arrest izda m'accettatx "ghax ma kienx tajjeb ghan-nies".

Xehed illi kien jaf lill-familja Calleja xi ghoxrin sena u li joqghod xi 60 pied il-boghod minnhom f'isqaq wiesa seba piedi. Innega li kellhom problemi fuq il-parking pero accetta li gieli sab vendikazzjonijiet fuq il-karozza tieghu u

kien jaf li ghal dawn il-vendikazjonijiet kien jahti Claudio (fol 284).

In kontro ezami l-imputat qal li qabel dan l-incident, kien ha xi zewg tazzi inbid mal-ikel - li kien xorob imma mhux hafna.

Mistoqsi dwar l-incident ma' Sammut l-imputat a fol 286 jghid:- "Jiena tajtu daqqa ta' harta ghax bezaqlu l-iehor minn wara."
Domanda:- "Inti smajtu jixhed hawnhekk lil dan tal-mutur?"
Imputat:- Ma nafx x'qal. Taf x'naf jiena? Li Claudio harab jigri x'hin bezaqli, mhux ghax sinjal li mar igib xi haga?"

Mitlub jispjega kif inhi l-ghatba tar-residenza ta' Calleja, l-imputat xhed li wiesa xi tlett pied.

Ammetta illi kien wasal sa pied boghod mir-residenza Calleja meta hargu Joe u Claudio Calleja izda qal li ma rifisx l-ghatba. Nnega ripetutament li qabad il-mus, u ta lil Claudio bih. Nnega wkoll li tah b'xi sikkina ohra.

L-imputat jghid illi Calleja weggha ghaliex gie imbuttat minn missieru stess u li seta laqtu missieru.

L-imputat xehed a fol 290 illi meta missier Claudio qal lil ibnu "igri igri" – huwa (l-imputat) haseb li Claudio kien ser igib arma.- li pero l-arma kienet diga ghandhom, u "meta dan min fejn intlaqat? Mhux ghax laqtu missieru!"

Illi in re ezami l-imputat jsostni illi huwa ma kellu xejn f'idu u ma ta b'ebda sikkina.

Kkonferma illi fit-tfittxijiet fid-dar, il-pulizija ma sabu xejn u li ma instabet ebda dmija fuqu. Baqa jsostni illi qatt ma kellu xi jghid ma hadd (fol 293).

Bridgette Azzopardi a fol 296 xhedet illi hija kienet ghadha kemm sajjret fil-garage, u hadet xi pilloli biex torqod u qamet ghax semghet l-ghajjat. Xhedet illi ir-ragel taghha qalilha li ma kien gara xejn u li kien wasal tal-mutur.

Xehdet illi dan kien jigri ta' spiss – fl-ahhar tminn xhur qabel l-incident. Illi minn hemm l-imputat talab lil martu taqralu xi ismijiet ta' zwiemel li binhom kien nizzel mill-computer u semghu tahbit fuq il-bieb u sabet lill-pulizija. Sostniet illi hwejjeg ta' Peter ma kienux imcapsin. Hadu lil Peter l-ghassa u imbaghad reghu gew il-pulizija u esegwew is-searches.

Bridgette Azzopardi xhedet dwar is-searches li saru mill-pulizija, li estendew ghal garage, ghall-istalla u l-van tal-imputat, apparti d-dar residenzjali. Sostniet ili l-pulizija kienu elevaw sikkina mis-sink tal-kcina.

Bridgette Azzopardi a fol 306/307 spjegat illi hija kienet rieqda. Semghet l-ghajjat u qamet mis-sodda. Spjegat illi hija ma ratx lil zewgha diehel minn barra u sabitu fil-kcina. Qalet li ssolitu huwa jitla mill-garage min bieb zghir li jaghti ghal sqaq iehor.

Bridgette Azzopardi xhedet illi malli rat lil zewgha, qalilha li kien tela ghal tal-mutur, tah daqqa b'idu u qal li l-iehor bezaqlu. Bridgette Azozpardi kkonfermat illi kienu gew il-pulizija u hadu diversi ritratti tad-dar.

Mistoqsija jekk l-imputat qalx lil martu Bridgette li kellu xi jghid ma tal-mutur u ma Claudio, Bridgette Azzopardi xhedet li zewgha semma biss lil tal-mutur.

Sussegwentement tammetti illi zewgha qalilha li kellu xi jghid ma Claudio wkoll (ara fol 309/310).

Bridgette Azzopardi kompliet tghid illi hija ma rat ebda dmija jew ticpis ta' demm fuq il-hwejjeg ta' zewgha meta dan dahal minn barra dak il-hin.

Rinfaccata bix-xhieda li tat fl-inkjesta, Bridgette Azzopardi ma kenitx f'posizzjoni tghid min qal il-kliem "Ejja ha tobzoqli" – li pero dawn il-kliem setghu intqalu minn zewgha.

Dan il-lehen kien gej minn gewwa l-isqaq.

Illi PS321 Lagastra (fol 338) xehed illi fl-4 ta’ Mejju 2002 waqfuh Bridgette Azzopardi fil-1.45am qaltlu li hija u zewgha kellhom argument u kienet qed tibza u li jekk jkun jaf li harget joqtolha barra l-ghassa u Bridgette Azzopardi bdiet tilmenta illi l-imputat dejjem johrog barra u qabel 12.00 – 1.00am ma jidholx minkejja il-pledge.

PC1270 kkorrobora ix-xhieda ta’ PS321.

Illi fil-25 ta’ Settembru 2002 l-imputat Peter Azzopardi dahal minn rajh fl-isptar Monte Carmeli u baqa rikoverat f’dan l-isptar ghal xahar.

Illi mix-xhieda ta’ Dr David Casar jirrizulta illi l-imputat kien jbati min depression u kellu poblema ta’ xorb (ara fol 357).

Dr Cassar xehed illi jekk l-imputat jixrob ser jkollu problemi li jinkludu l-aggressjoni. Dr Cassar rrakomanda wkoll illi l-imputat jibda jattendi il-Men’s Services mas-Sedqa (fol 360).

Dr Cassar ddiskuta il-problemi tal-imputat fit-tul u kien tal-opinjoni li jekk l-imputat jaqta ix-xorb u jaghmel iz-zewg programmi tal-alkohol u Mens Services mas-Sedqa seta jigi kkontrollat u seta jghix hajja barra mill-isptar.

Illi din il-Qorti baqghet ssegwi l-progress o meno tal-imputat fuq perjodu sostanzjali.

Illi fit-18 ta’ Marzu 2003 Dr Cassar informa lill-Qorti u ghalkemm l-imputat baqa ma jixrobx, ma kienx qed jattendi ghal wiehed mill-programmi minhabba commitment ta’ xoghol.

Rosalie Debono fl-14 ta’ Mejju 2003 regitrat progress tal-imputat izda fl-14 ta’ Mejju 2003 l-imputat rega abbuza. Josette Camilleri xhedet illi kien vitali li l-imputat ma jixrob xejn ghaliex meta jixrob huwa ta’ riskju ghal terzi.

Ikkunsidrat:-

Illi id-difiza irribattiet illi ix-xhud claudio Calleja mhuwiex affidabbli il-ghaliex filwaqt li jsostni li kien l-imputat li feriegh, kemm fix-xhieda moghtija fl-inkjesta kif wkoll f'dik moghtija quddiem il-Qorti jghid illi ma ra ebda arma f'id Peter Azzopardi.

Id-difiza sostniet illi Jane Calleja li tghid li kienet hi li fethet il-bieb, ma ra xejn f'idejn Peter Azzopardi u dana alavolja giet wicc imb'wicc mieghu. Illi di piu din il-versjoni tikkontesta sew ma dik moghtija min claudio u Joseph Calleja li jghidu li fethu il-bieb huma.

Illi id-difiza rribattiet wkoll illi din il-Qorti rinfaccata b'dawn il-provi ma tista ssib ebda serenita f'dak li ddepona Joseph calleja li sostna li ra lil Azzopardi b'sikkina twila xi pied.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-qorti kellha l-opportunita mhux biss tezamina u tifli ix-xhieda imma tismaghhom jiddeponu u ghaldaqstant kellha l-opportunita tevalwa l-komportament taghhom fil-pedana tax-xhieda a tenur ta' Art 637 tal-kap 9.

Illi l-kontrasti li jikkwota id-difiza huwa apparenti imma mhux reali meta Claudio Calleja jghid li ma rax arma jfisser illi ma setghax jaghti deskrizzjoni taghha <u>ghaliex ra parti minnha biss.</u>

Infatti fl-inkjesta a fol 86 claudio Calleja jghid testwalment hekk:-
"Kif jiena ftaht il-bieb rajt lil Pter Azzopardi li kellu xi haga f'idu, pponta fid-direzzjoni tieghu…."

"Qabel ma Peter xejjirli daqqa bl-arma hu kellu idu imnizzla u l-arma kienet f'idu, parti imdahhla gol-kmiem."

Dan il-kliem ma jekwiparawx ghat-tezi tad-difiza li claudio Calleja ma rax arma f'idejn l-imputat.

Illi ghal rigward tax-xhieda ta' Jane Calleja din il-Qroti tifhem illi hija kienet wara t-tebqa tal-bieb li infethet ghal

fuqha u allura kellha l-aghar viswali u ma tara xejn inverosimili li hija verament ma ratx is-sikkina f'id Azzopardi.

Din il-qorti imbaghad kellha l-opportunita tisma lil Joseph Calleja li xhed bi pressjoni kbira into blow by blow ir-rakkont ta' dak li gara.

Illi in kontrast ix-xhieda tal-imputat tbati mhux biss minn kredibilita, izda ma kienx verosimili, u ma ssibx korroborazzjoni mix-xhieda ohra  tal-kaz – ui ferm aktar importanti ma ghandhiex mis-sewwa.

Illi mix-xhieda tat-testimonjanzi kollha tal-kaz huwa inkontrastat illi dan l-incident sehh ghaliex Peter Azzopari hass ruhu urtat illi l-gara tieghu wasal fil-11.30pm fuq mutur ta' siehbu, li l-hsejjes tal-mutur dejjquh – u ghalhekk mar ghalih.

Illi gara pero li sab lil Sammut u capcaplu daqqa ta' ponn f'wiccu u farrgu. Illi ix-xhieda ta' Sammut hija kardinali mhux biss ghaleix huwa l-uniku xhud li ma jappartjenies wiehed miz-zewg familji imma minhabba il-maniera li bija Sammut baqa sbalordiet b'aggressjoni bla raguni ta' Azzopardi u bil-kwalita ta' theddid li garrab anki wara tali aggressjoni.

Illi ix-xhieda ta' Sammut hija vitali wkoll ghaliex minnha johrog car illi mhuwiex veru dak li jtenni Azzopardi li alleja bezaqlu tlett darbiet u li dik kienet il-holma ta' provokazzjoni. Apparti il-fatt illi din il-qorti ma tistax timmagina bniedem b'karattru ta' Azzopardi jippermetti tifel jobzoqlu <u>darba</u> ahseb u ara tlieta.

X-xhieda ta' Sammut turi li Calleja u Azzopardi ma <u>intalqux</u> bara fl-isqaq. Calleja kien gja dahal gewwa ghaliex Azzopardi fegg meta Sammut kien hiereg il-barra.

Kien biss wara dan l-incident, li Azzopardi rrikorra quddiem ir-residenza ta' Calleja, ghax "ried jkellimha bil-kelma t-tajba."

Claudio Calleja a tempo vergine fl-inkjesta jghid “Pietru li joqghod ftit bieb il-boghod kien ser jaqla il-bieb bid-daqqiet.” (fol 85)

Jane Calleja fl-inkjesta tghid illi peter azzopardi beda jhezzez il-bieb u joffendi l-familja taghha tant li hija cemplet lill-pulizija ghal assistenza (fol 78).

Illi din il-Qorti imbaghad kellha l-opportunita tezamina il-komportament ta’ mart l-imputat u rat t-trepidezza li biha tat ix-xhieda taghha, u din giet abbinata max-xhieda ta’ PS Lagastra u max-xhieda ta’ Dr Cassar u l-imgieba tal-imputat meta jixrob.

Illi din il-Qorti ezaminat wkoll ir-relazzjoni ta’ l-espert Robert Cardona fejn a fol 185 sab presenza ta’ demm kemm fuq il-jeans kif wkoll fuq il-flokk blu ta’ Pter Azzopardi kuntrarjament ghal dan illi rritenew id-difiza afol 327.

Illi mill-assjem tal-provi din il-qorti ma ghandha ebda dubbju illi kien l-imputat illi permezz ta’ sikkina aggredixxa lil Claudio Calleja fid-data u lok citat.

Illi din il-qorti trid tghaddi biex tezamina  in-natura ta’ griehi sofferti u kif dawn jirrizultaw kklassifikati.

Illi mix-xhieda tat-tobba li taw t-testimonjanza quddiem  il-Qorti jirrizulta ampjament  illi l-ferita li garrab Calleja hija wahda ta’ natura gravi perdurata.

Illi din il-Qorti ezaminat ix-xhieda ta’ Dr Alex Cassar u Dr Mario Scerri  u hi tal-fehma ili gialadarba  rrizulta qtugh u dannu f’nerve importanti,  il-kwistjoni dwar trapass ta’ zmien jaffettwa biss l-ammont ta’ impairment, materja, illi ma tikkoncernax il-kamp kriminali.

Illi l-Qorti ghaddiet biex tikonsidra dak li gie ssollevat fit-tieni paragrafu tan-nota ta’ osservazzjonijiet tad-difiza (fol 327) u cioe li jesistu cirkostanzi li jimmeritaw l-attentat ta’ provokazzjoni ai termini ta’ l-Art 227(e) tal-kap 9.

Ili fil-kaz in ezami din il-qorti ma tistax b'ebda mod takkolji att a' provokazzjoni ghal raguni semplici li din f'dan il-kaz, ma tesistix.

Claudio Calleja kien gla dahal id-dar meta Azzopardi jghid li bezaqlu (ara xhieda ta' Sammut)

Illi il-provi juri 9fol87) li dana anki mill-fedina penali tal-imputat, illi l-uniku agir provokattiv l-incident li inqalghu, kien dak tal-imputat li jidher li huwa t-tenur tal-villagg tieghu. Dan johrog b'mod aktar …… mill-manner of speech tal-imputat, mir-rassenjazzjoni ta' martu ghal aggressjoni fizika ta' zewgha.

Min jippretendi li t-toroq proprjeta tieghu, minn johrog lil guvni ghax jiddejjaq bi hsejjes ta' mutur, min jinzel jhezzez bieb ta' gara bil-lejl, b'sikkina mohbiha f'komtu u jaghti biha bl-addocc ma jistax jittiehed bis-serjeta meta jitlob ghal attenwanti ta' provokazzjoni.

Illi ghal rigward ta' piena din il-Qorti ghamlet l-almu taghha sabiex takkorda lil imputat fakolta li bih jkun jista jgheleb cirku vizzjuz ta' xorb abbinat ma aggressjoni bla raguni izda l-imputat ma zammx kellmtu, kemm ghal dak li jirrigwarda attenenza ghal gruppi f'wiwhed mill-programmi ta' Sedqa, kif wkoll ghal dak li jirrigwarda astinenza minn xorb alkoholiku. Hemm prova anzi ta' hrug fil-ghaxija sas-sieghat bikrin ta' fil-ghdu li fihom l-imputat kien jkun jixrob fi hwienet minkejja rbiet ta' kondizzjonijiet tal-liberta provisorja tal-imputat.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ma tarax alternattiva ghajr illi ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 218, 217, 216, 13, 19, 26, 221, 338dd, 49 u 50 tal-kap 9 u tikkundannah ghal sitt snin prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------